ŻEBBUĠ

# Minuti tas-Seduta Nru. 34/14

***Kienet addottata Aġenda nru. 28/2014***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 23 ta' Settembru 2014**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 33/14 U LAQGĦAT URĠENTI TAT-28 TA' LULJU U T-8 TA' AWWISSU 2014

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 33/2014 u tal-Laqgħat Urġenti tat-28 ta' Lulju u t-8 ta' Awwisu 2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 33/14 U LAQGĦAT URĠENTI TAT-28 TA' LULJU U T-8 TA' AWWISSU 2014

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦAT BIN-NRU. 1 & 2/2014

Il-minuti tal-laqgħat bin-nru. 1 & 2/2014 tat-Tlieta 8 u 22 ta' Lulju 2014 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Ir-rapport maħruġ mill-MCCAA dwar il-*playing field* taż-Żebbuġ ittieħed bħala moqri. Kien miftiehem li għall-laqgħa li jmiss, jinġabu katalgi mingħand *suppliers* ta' *playing equipment* differenti.

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Ittra tal-Av. Jean Paul Grech għan-nom ta' Joseph Magro fejn talab biex Magro jingħata kumpens għal strixxa ta' art li ttieħditlu meta nqatgħet il-linja tal-bini. Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li l-ittra tal-Av. Grech kienet mgħoddija lill-Av. tal-Kunsill biex din tkun imwieġba.

Ittra mibgħuta mill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex dwar proposti għal tibdil ta' ismijiet ta' toroq fiż-Żebbuġ. Ġie deċiż li l-Kunsill jara x' jgħid Avviż Legali 176 (1995).

Ittra mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar l-MOC Local Council Sports Award.

Ittra mibgħuta mill-WasteServ dwar il-Ġimgħa Ewropeja għal tnaqqis tal-iskart.

Komunikat ta' Joseph Magro dwar servizz b' xejn ta' ġbir ta' oġġetti tal-metall. Is-servizz kien approvat mill-Kunsill.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Dwar ilment 36/2014 talba biex issir rampa fi Triq is-Sellum, kien miftiehem li ssir *site visit* flimkien mal-Perit.

**Nru. 49/2014 – Twanny Vassallo, Marthese Mangion**
Isiru *double yellow lines* fi-bidu ta' Triq il-Knisja.
Is-Sindku qal li ma kienx ser jikkummenta dwar it-talba għax meta saru s-sinjali ta' *dragon's teeth*, kien interpretat li dawn is-sinjali saru biex in-nies minflok jieqfu l-każin, imorru ċ-ċentru.
Il-Viċi Sindku qal hu ma jaqbilx mat-talba għax skont hu, kemm ilhom li saru s-sinjali ta' *dragon's teeth*, innota li sar titjib fl-inħawi.

Ġie deċiż li jittieħed vot fuq it-talba.

Favur – il-Kunsillieri Camilleri, Refalo, Saliba

Kontra – il-Viċi Sindku

Astensjonijiet – is-Sindku.

It-talba għaddiet.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

**Nru. 50/2014 – Victor Cini**
Talab biex jissaqqaf gandott fi Triq ta' Ħabel it-Twil.  It-talba għal provvista ta' konkos kienet approvata.

**Nru. 52/2014 – Joseph Zammit**
Ilmenta dwar il-*camping* li kien qiegħed isir fuq il-Bajja tax-Xwejni.  Kien miftiehem li għas-sajf li ġej, jitpoġġa sinjal juri *camping* mhux permess.

**Nru. 53/2014 – il-Kunsillier Joseph Camilleri**
Isir xi forma ta' lqugħ fi Triq Għajn Mhelhel fuq ir-riħ tal-*boathouses*.  Is-Sindku qal naraw mal-proġett tal-latrina.

**Nru. 54/2014 – Alfred Attard**
Talab biex jitwaħħlu żewġ lampi ġodda fi Triq Panoramika.  Kien miftiehem li ssir *site visit* mal-Inġinier Galea.

**Nru. 55/2014 – Toni Vella**
Biex titwassa' rampa fil-limiti ta' Triq is-Sagħtrija.  It-talba kienet approvata.

**Nru. 56/2014 – Salvina Cefai**
Tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-residenza 'Eugenio Hse', fi Triq Għajn Mhelhel.  Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 57/2014 – Karmnu Cini**

Tinbidel ir-rampa tal-garaxx tar-residenza 'Immakulata', Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 58/2014 – Loreta Axiaq**
Tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-residenza 'Merħba', fi Triq Għajn Mhelhel. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 59/2014 – Fredu Cefai**
Issir mulqa għall-ilma tax-xita fl-inħawi ta' Triq taċ-Ċaqra. It-talba kienet approvata.

**Nru. 60/2014 – John Sultana**
Talab għal sitt jardi konkos biex isir ilqugħ fi Triq tal-Kanun. It-talba kienet approvata.

**Nru. 61/2014 – Toni Cini**
Talab biex issir rampa ta' għalqa fl-inħawi ta' Triq tal-Ħamra. Kien miftiehem li ssir *site visit*.

Dwar il-manutenzjoni tal-wied tal-Għazz, kien maqbul li ssir *site visit* flimkien mal-Perit.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 26/2014 – DOK A għall-perijodu bejn is-17 ta' Lulju 2014 u t-28 ta' Awwissu 2014 kienet approvata.

## 8. RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2013

Billi r-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2013 kien ċirkulat minn qabel, dan ittieħed bħala moqri mill-Kunsill. Il-Kunsill approva r-Rapport Amministrattiv għall-2013 kif preżentat.

## 9. MILIED

Kien maqbul li nitkellmu mal-Kumitat tal-Armar dwar x' jistgħu joffru f' dekorazzjonijiet għall-Milied.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- li l-iskart domestiku mħallat boroż suwed jibqa' jinġabar kuljum.

- ssir sejħa għall-offerti għal xogħol ta' kisi bil-konkos ta' Triq tal-Ħluq.
- f' dik li qabel kienet *area* għall-i*skips* fi Triq iż-Żebbuġ, jinfetaħ il-passaġġ u jinbnew il-ħitan ta' lqugħ.
- provvista ta' erba' jardi u nofs konkos għal xogħol ta' traqqiegħ fi Triq Wied l-Infern.

Il-Kunsillier Joseph Camilleri ppropona li l-Kunsill jissuġġerixxi lil Transport Malta biex l-ewwel servizz miż-Żebbuġ għal Victoria jkun jitlaq fil-5.15 ta' filgħodu u dan għal dawk li jkunu jridu jaqbdu l-vapur tas-6.00 ta' filgħodu mill-Imġarr. Ġie deċiż li jsir avviż mal-bullettin biex il-Kunsill jiġbor tagħrif dwar jekk hemmx individwi interessata fis-servizz.

Kien maqbul li tinżamm laqgħa pubblika dwar problemi ta' parkeġġ fit-toroq taż-Żebbuġ.

## 11. <u>AĠĠORNAMENT</u>

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |